MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 24/2008/1

**Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri)**

**v.**

**George Xuereb**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1 Dan hu appell interpost minn George Xuereb minn decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Marzu 2010, fl-atti ta' riferenza

kostituzzjonali fl-ismijiet surreferiti, li fih l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

**“III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali datata 19 ta’ Mejju 2008 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, tichad it-talba ta’ indoli kostituzzjonali imressqa mill-imputat George Xuereb f’din ir-referenza kostituzzjonali datata 7 ta’ April 2008 u dan peress li l-istess hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma hemmx ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq skont Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u permezz tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

“Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-imputat George Xuereb li ppropona l-istess referenza kostituzzjonali.

“Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur tal-Qorti Civili, lill-Qorti Kriminali.”

1.2 Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, is-sentenza appellata qeghdha tigi riprodotta *in toto* kif gej:

**“Il-Qorti,**

**“I. <u>PRELIMINARI.</u>**

“Rat ir-Referenza Kostituzzjonali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Istitutorja datata 7 ta’ April 2008 (sedenti l-Magistrat Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Juris (EU Law)) li permezz taghha u fuq talba maghmula mill-Avukat Dr. Raphael Fenech Adami ghall-imputat George Xeureb b’verbal waqt is-smigh ta’ dak in-nhar stess, laqghet it-talba sabiex din il-Qorti tistharreg l-ilment imqajjem fl-istess seduta fis-sens li l-espert forensiku nominat Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat, li ttiehdu waqt l-istess seduta, (Dok. “JM1” u Dok. “JM2”), u sabiex jaghmel il-komparazzjoni relattivi, jikser id-drittijiet fundamentali ghaliex l-espert

forensiku nominat kien membru tal-korp tal-pulizija u ghalhekk ma jistax jaghmel ezami ta' komparazzjoni kif ritenut f'diversi sentenzi kostituzzjonali u dan ghaliex b'hekk qed jinkisru l-imsemmija drittijiet kostituzzjonali tieghu ta' smigh xieraq kif kontemplati fl-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (indikati skont nota tal-imputat George Xeureb datata 5 ta' Mejju 2009 (fol. 21).

"Rat li l-istess Referenza Kostituzzjonali b'digriet datata 8 ta' Mejju 2008 giet appuntata ghas-smigh ghat-22 ta' Mejju 2008 u giet ordnata n-nofitika tal-istess Referenza Kostituzzjonali lill-intimat il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta, kif jidher minn fol. 3 tal-process.

"Rat ir-rikors ta' George Xuereb (ID 142365M) datata 30 ta' April 2008 a fol. 4 fejn ippremetta:-

"Illi fl-atti tal-precitata kumpilazzjoni saret referenza kostituzzjonali lil din l-Onorabbli Qorti dwar il-validita' u ammissibilita' o meno tan-nomina tal-ex PS John (*correge* Joseph Mallia) bhala espert tal-impronti digitali sabiex jaghmel ezami ta' komparazzjoni;

"U peress illi qed jigi allegat li tali nomina hija legalment inaccettabbli u inammissibbli legalment ghar-ragunijiet gia` espressi fil-verbal tas-seduta;

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna s-sospensjoni tal-inkarigu moghti lill-istess espert tal-Qorti sakemm tigi mismugha u deciza r-riferenza mghoddija lil din l-Onorabbli Qorti.

"Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-8 ta' Mejju 2008 a fol 5 tal-process fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

"Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizja u l-Avukat Generali datata 19 ta' Mejju 2008 a fol 8 tal-process fejn oggezzjonaw ghal tali talba peress:-

“Illi fl-ewwel lok sa fejn jafu huma l-esponenti ghadhom ma gewx notifikati bir-referenza Kostituzzjonali msemmija mir-rikorrent.

“Illi *inoltre*, huma pero` jopponu bil-qawwa kollha ghat-talba kontenuta f’dan ir-rikors *stante* li: -

“1. Kif anke se jkollhom l-opportunita` juru waqt is-smigh tal-kawza proprja, illum m’ghadhomx iqumu kwistjonijiet ta’ drittijiet fundamentali in konnessjoni mal-uzu ta’ esperti li jkunu ex-Pulizija, partikolarment f’kazijiet fejn, f’pajjizi bhal Malta, ir-rizorsi umani f’oqsma bhal dawn huma konsiderevolment limitati.

“2. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jispicca jiehu r-ragun quddiem din il-Qorti f’Sede Kostituzzjonali, hemm rimedju prattiku applikabbli li jikkonsisti fl-isfilz tal-provi kollha ottenuti bl-ghajnuna tal-espert li l-imparzjalita` tieghu qed tigi impunjata.

“3. *Inoltre*, s-smigh tal-kaz kontra r-rikorrenti ghadu fi stadju bikri ta’ kumpilazzjoni u certament li mhux indikat li jkun hemm izjed dewmien, partikolarment meta wiehed izomm f’mohhu li r-rikorrent stess tant xtaq jevita dewmien f’dawn il-proceduri li sahansitra fetah kawza ohra Kostituzzjonali fl-istess ismijiet dwar id-dewmien fil-proceduri (Rik. Nru. 14/2003GV deciz fit-28 ta’ Jannar 2005). Ghalhekk certament li jkun fatt pjuttost ironiku jekk it-talba prezenti tieghu tigi milqughha.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn Dr. Raphael Fenech Adami rtira r-rikors tat-30 ta’ April 2008 *stante* li dan il-punt gie sorvolat bil-prezentata tar-rapport quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dr. Peter Grech wara li ra d-digriet tal-Qorti tas-7 ta’ April 2008 mill-Qorti tal-Magistrati rrileva li t-tempi tar-referenza ma jidhirx li gew delinejati mill-

istess Qorti tal-Magistrati u ghalhekk talab ghall-iskop tad-definizzjoni tal-pendenza odjerna sabiex l-istess atti jigu mibghuta lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tali Riferenza Kostituzzjonali tigi identifikata u delinejata f'termini precizi skont il-ligi. Dr. Raphael Fenech Adami rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika ta' dan id-digriet *tramite* r-Registratur tal-Qorti, lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikaturra Istrottorja presjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona.

"Rat li l-istess digriet gie notifikat lir-Registratur tal-Qorti fit-13 ta' Gunju 2008 (fol. 11).

"Rat il-verbali datati 19 ta' Gunju 2008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Qorti giet infurmata li *tramite* r-Registratur tal-Qorti, il-Qorti tal-Magistrati giet a konjizzjoni tad-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju 2008 u l-kawza giet differita ghall-istess skop, u kontinwazzjoni, kif gara wkoll fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008.

"Rat l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 2009 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u nfurmaw lill-Qorti li l-kawza kriminali kienet tinsab appuntata ghas-16 ta' Marzu 2009.

"Rat ir-rikors ta' George Xeureb datat 18 ta' Marzu 2009 sabiex in vista' ta' dak li gie verbalizzat mill-Qorti Kriminali fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2009, din ir-riferenza tigi mismugha, trattata u deciza skont il-ligi.

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Marzu 2009 fejn ir-riferenza thalliet ghas-26 ta' Marzu 2009 sabiex tigi trattata l-istess riferenza kostituzzjonali.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2009 fejn l-imputat li ghamel r-referenza tieghu *tramite* l-avukat tieghu Dr. Raphael Fenech Adami gie ordnat sabiex jipprovdi kopja tal-process kriminali fir-rigward tal-atti li huma relevanti ghar-referenza, filwaqt li gie verbalizzat li l-parametri tar-referenza kostituzzjonali ma gewx identifikati kif rikjest mil-ligi, u Dr. Fenech Adami talab li jaghmel nota fuq l-istess, u l-Qorti pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata ghall-prezentata tal-istess bin-notifika lid-difensur tal-

kontro-parti li inghata 40 gurnata zmien sabiex jirrispondi u r-referenza thalliet ghat-trattazzjoni ghall-10 ta' Gunju 2009.
“Rat in-nota ta' George Xuereb datata 5 ta' Mejju 2009 a fol 21 tal-process illi biha, *a tenur* tal-verbal tas-26 ta' Marzu 2009 irrileva li l-artikoli rilevanti tal-ligi ghal din ir-referenza huma dawk kontemplati fl-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta** u **l-artikolu 6 ta' Kostituzzjoni Ewropea** u *inoltre*, esebixxa kopja legali tal-estratt rilevanti mehud mill-porcess ta' kumpilazzjoni fl-istess ismijiet hawn fuq citati li kien qed jinstema` mill-Onor. Magistrat Dr. A. Micallef Trigona (Dok “X”).

“Rat l-estratt tal-process tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet premessi indikat bhala Dok. “X' minn fol. 22 sa fol. 87 tal-process.

“Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali datat 9 ta' Gunju 2009 sabiex jigu ammessi jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet kontestwalment prezentata mal-istess rikors bhala Dok. “A” – fol. 91.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti laqghet it-talba u Dr. Joseph Bonello ghall-intimati ddikjara li huwa kien ser joqghod fuq ir-risposta gja prezentata minnu, u allura l-Qorti laqghet it-talba fir-rikors datat 9 ta' Gunju 2009, u d-difensur tal-kontro-parti Dr. Raphael Fenech Adami inghata kopja tan-nota ta' osservazzjonijiet u terminu ta' 50 gurnata sabiex jirrispondi ghall-istess u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta' Ottubru 2009.

“Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali annessa mar-rikors datat 9 ta' Gunju 2009 a fol. 91 tal-process.

“Rat in-nota responsiva ta' George Xuereb ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali datata 4 ta' Awwissu 2009 a fol. 100 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti

semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ordnat lir-Registratur tal-Qorti jaghmel disponibbli lil din il-Qorti bil-process li jinsab pendenti quddiem il-Qorti Kriminali u dan sabiex din il-Qorti taghti s-sentenza fuq din ir-referenza Kostituzzjonali ghall-25 ta' Marzu 2010.

"Rat il-process fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri vs George Xeureb" pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**"II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

"Illi din il-Qorti ghandha quddiemha referenza kostituzzjonali *ai termini* tal-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li saret fl-atti tal-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Istitutorja presjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs George Xeureb"** li saret fis-7 ta' April 2008 fejn qieghda tintalab li din il-Qorti tiddeciedi li meta l-Qorti tal-Magistrati hatret espert forensiku sabiex jiehu l-impronti digitali tar-rikorrenti u jirrelata dwar l-impronti digitali fis-sens li jaghmel komparazzjoni tal-istess, liema espert forensiku kien ex-membru tal-Korp tal-Pulizija, u fuq hekk kienet saret opposizzjoni tal-imputat ghal tali nomina u ezami, liema oggezzjoni giet michuda b'zewg digrieti tal-Qorti tal-Magistrati fl-istess data, tali nomina ta' espert forensiku, in kwantu l-istess persuna appuntata kienet ex-membru tal-pulizija, kienet tikser id-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat George Xerueb, u dan kif indikati mill-imsemmi imputat b'nota datata 5 ta' Mejju 2009 (fol. 21 quddiem din il-Qorti), u dan senjatament id-dritt tieghu ghal smigh xieraq a bazi tal-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

"Illi minn dan jidher li l-kwistjoni ta' riferenza hija jekk waqt il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet premessi bin-

nomina minnha tal-espert Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali ta’ l-imputat u fejn l-istess espert gie dirett sabiex jaghmel ezami ta’ komparazzjoni relattivi tal-istess fis-sens kif indikat fl-istess digriet tal-istess Qorti datat 7 ta’ April 2008, tali nomina u inkarigu jiksrux id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq sancit permezz tal-**Artikoli 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u permezz tal-**Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali,** u dan ghaliex l-imputat li talab ir-riferenza qed jghid u jallega li b’tali nomina u b’tali inkarigu qed jigi lez l-imsemmi dritt tieghu ghal smigh xieraq ghaliex il-persuna attwalment nominata kienet kienet qabel membru tal-korp tal-pulizija.

“Illi fil-fatt din hija l-bazi tar-referenza kostituzzjonali quddiem din il-Qorti fejn jidher li l-ilment huwa dak li hemm ksur ta’ smigh xieraq ghaliex tali persuna nominata kienet fiz-zmien tan-nomina ex-membru tal-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt dan huwa kkonfermat mir-rikors tal-istess George Xuereb datat 30 ta’ April 2008 fejn jinghad mill-istess rikorrenti li *“fl-atti tal-precitata kumilazzjoni saret referenza kostituzzjonali lil din l-Onorabbli Qorti dwar il-validita’ u ammissibilita’ o meno tan-nomina tal-ex PS John (correge Joseph Mallia) bhala espert tal-impronti digitali sabiex jaghmel ezami ta’ komparazzjoni.”* Fin-nota ta’ osservazjonijiet tieghu l-istess George Xeureb jirreferi proprju ghall-istess ilment, u cjoe’ li l-espert Joseph Mallia kien meta nominat mill-Qorti tal-Magistrati ex-membru tal-Pulizija, ghalkemm izid ukoll li kien membru tal-Pulizija fiz-zmien tal-allegati reati u investigazzjonijiet sussegwenti maghmula mill-imsemmi korp (dawn ta’ l-ahhar imqajmin biss quddiem din il-Qorti permezz tal-imsemmija nota).

“Illi min-naha taghhom, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jikkontestaw it-talbiet rikorrenti billi jsostnu illi llum m’ghadhomx iqumu kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali meta Qorti tahtar esperti li jkunu ex-membri tal-Korp tal-Pulizija specjalment f’pajjiz bhal Malta fejn ir-rizorsi umani huma limitati. F’dan is-sens gie wkoll indikat permezz ta-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom li f’dan il-kaz ma hemm ebda dubju dwar l-imparzjalita’ tal-persuna

nomina, li huwa biss ex-membru tal-pulizija, u fiz-zmien tan-nomina allura ma kienx ghadu pulizija u qatt ma kien fiz-zmien li ntalab jagixxi bhala espert. Isostnu wkoll, illi r-rikorrenti ma ezawrix ir-rimedju ordinarju quddiem il-Qorti Istruttorja fis-sens li jintalab l-isfilz tar-rapport tal-espert forensiku.  Jidher li saret eccezzjoni ohra rigward id-dewmien *o meno* tal-proceduri li pero` ma jidhirx illi din l-eccezzjoni ghandha lokha f'dawn il-proceduri li ma jirrigwardawx lezjonijiet ta' drittijiet minhabba allegazzjonijiet ta' dewmien ta' proceduri u certament ir-riferenza kostituzzjonali, llum taht dizamina bl-ebda mod ma tinkludi, tinkorpora jew b'xi mod talludi ghal xi lezjoni ta' dan it-tip.

"Illi jirrizulta mill-atti u mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2008 tal-Qorti tal-Magistrati li kien deher Joseph Mallia,  l-espert ta' l-impronti digitali nominat mill-Qorti u gie ordnat jiehu l-impronti tar-rikorrenti. Jirrizulta illi l-avukat difensur oppona pero` il-Qorti cahdet din l-opposizzjoni. Jirrizulta illi ttiehdu l-impronti u wara li l-espert esebixxa l-impronti (Dok. "JM1" u "JM2"), sussegwentement il-Qorti hatritu sabiex jaghmel il-komparazzjonijiet relattivi u awtorizzatu ghal dawn il-finijiet li jirtira d-dokumenti relattivi mill-atti. L-avukat difensur tal-imputat oggezzjona ghal din it-talba u talab lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* z-zewg digrieti taghha, liema talba pero` giet michuda. L-istess imputat *tramite* d-difensur legali tieghu fl-istess seduta sostna li dik il-Qorti kienet legalment skorretta f'dawn iz-zewg digrieti taghha ghal zewg ragunijiet u cioe` peress illi sostna li la darba l-espert forensiku kien ex-membru tal-Korp tal-Pulizija ghalhekk ma jistax jaghmel ezami ta' komparazzjoni ordnat ghaliex dan jikser id-drittijiet kostituzzjonali tieghu. Kien f'dan l-istadju li d-difensur tar-rikorrenti talab ghal din ir-referenza kostituzzjonali, li fil-fatt giet akkolta u ghalhekk hemm din il-pendenza. Fil-frattemp jidher li l-kumpilazzjoni inghalqet u nhareg l-att ta' akkuza kontra r-rikorrenti.

"Illi jirrizulta ghalhekk mill-proceduri odjerni, kif konfermat mis-sottomissjonijiet bil-miktub ta' George Xuereb stess, li l-allegazzjoni tieghu ta' ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fl-imsemmija proceduri li ttiehdu u qed jittiehdu kontra tieghu

fil-kamp kriminali qieghda ssir minhabba din ir-raguni biss u cioe` fuq il-fatt illi l-espert forensiku mahtur mill-Qorti tal-Magistrati huwa ex-membru tal-Korp tal-Pulizija. Ghalhekk din il-Qorti ser taghmel kunsiderazzjonijiet taghha fuq dan il-punt.

“Illi l-Qorti tosserva illi ghalkemm ma ttellghet l-ebda prova quddiemha dwar jekk l-espert forensiku in kwistjoni u mahtur mill-Qorti tal-Magistrati bhala tali kienx jew le effettivament impjegat mal-Korp tal-Pulizija jidher illi dwar dan effettivament ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti fil-procedura odjerna u ghalhekk dan ser jittiehed bhala stat ta’ fatt.

“Illi dwar il-punt jekk l-imputat li talab li ssir din ir-riferenza kostituzzjonali quddiem din il-Qorti ezawrix ir-rimedji ordinarji li ghandu jew kellu qabel ma rrikkorra ghal dan ir-rimedju ta’ natura straordinarja skont dak li jipprovdi l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**, jinghad li din il-Qorti tista’ taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha jekk tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm mezzi xierqa ta’ rimedju disponibbli favur ir-rikorrenti ghall-allegat ksur. Dan il-punt gie trattat diversi drabi mill-Qrati taghna  u fost il-varji sentenzi fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-uhud minnhom fosthom **“Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et”** (Q.K – 30 ta’ Mejju 2003), **“Paul Mackay vs Kummissarju tal-Artijiet”** (Q.K. – 9 ta’ Ottubru 2001), **“Dr. Mario Vella vs James Bannister nomine”** (Q.K. – 7 ta’ Marzu 1994), **“Mourad Mabrouk vs Ministru ghall-Gustizzja u l-Affarijiet Interni et”** (P.A. (Sede Kostituzzjonali) – 4 ta’ Frar 2009), u **Philip Spiteri vs Sammy Meilaq** (Q.K. - 8 ta’ Marzu 1995) u ghall- principji hemm enuncjati.

“Illi partikolarment din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza  fl-ismijiet **“Paul Fenech et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet et”** (Q.K. - 16 ta’ Mejju 2008) fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:-

*““...illi persuna m’ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-*

*drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel irrimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

"Illi fil-kawza **"Mifsud Bonnici et v Tabone noe et"** (24 ta' Settembru, 2002) inghad li:-

*""Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "a measure of last resort" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F'socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching".*

"Illi fuq din il-kwistjoni, l-awturi ***Jacobs and White***, fil-ktieb **"The European Convention on Human Rights"** (Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, (pg. 354):-

*""The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual".*

"Illi konsistentement ma' dan fil-kawza "**Al Sakalli vs Prim Ministru et**" (Q.K. - 7 ta' April, 2000) intqal b'mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni kostituzzjonali dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija proponibbli biss meta ma hemmx rimedju iehor effettiv skont il-ligi ordinarja. Jekk jezisti dan ir-rimedju taht il-ligi ordinarja allura wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll "**Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija"** deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u **"Paul Mackay vs Kummissarju tal-Artijiet"** (Q.K. – 9 ta' Ottubru 2001).

"Illi fil-kawza **"Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet"** (Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet illi:-

*""Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni".*

"Illi minbarra dan fil-kawza fl-isimijiet **"Tefarra Teseba Berhe v Kummissarju tal-Pulizija"** (20 ta' Gunju 2007) il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostitizjonali taghha rribadiet li:-

*""l-eżistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni ghandha tirriżulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-*

*Qorti biex ma teżeritax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali stat ta' fatt".'*

*"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat.'*

"Illi applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi l-ilment odjern jirrigwarda l-hatra tal-perit forensiku peress li dan kien ex-membru tal-Korp tal-Pulizija. Dwar il-hatra tal-periti, il-**Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** permezz tal-**artikolu 650** *et sequitur* **tal-Kap. 9** jipprovdi dwar il-hatra ta' periti fi proceduri kriminali u li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja. Huwa provdut ukoll fil-ligi permezz tal-**artikolu 651 (2)** il-mod kif perit jista' jigi rikuzat, u cioe` il-ligi tipprovdi illi jista' jigi rikuzat hlief ghal raguni tajba u tali rikuza ghandha ssir bil-mod u fiz-zmien kif hu stabbilit fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** (ara wkoll **Artikolu 762 (2) tal-Kap. 12**).

"Illi jrid jinghad illi l-**Kodici Kriminali** jipprovdi wkoll, permezz tal-**artikolu 415**, illi f'kaz ta' appelli minn digrieti interlokutorji li ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, jistghu jsiru biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' l-appell minn din is-sentenza. Dan kollu pero` jista' jsir biss f'kaz li digriet jinghata mill-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Krimininali u mhux fil-funzjoni istruttorja taghha.

"Illi fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **"L-Avukat Generali vs Kap tas-Sigurta` et"** (P.A. (G.C.D.) – 3 ta' Novembru 2009) fejn gew intavolati proceduri wara illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja cahdet ir-revoka *contrario imperio* ta' digriet interlokutorju, il-Qorti irriteniet illi:

*““Kien fis-setgħa tal-Qorti tal-Magistrati li tagħti digriet interlokutorju biex tirregola l-gbir tax-xhieda quddiemha.*

*“L-***Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali** *[emfazi mizjuda] dwar “Setgħa tal-magistrat matul il-kompilazjoni”, igħid hekk:-*

***“397.*** *(1) Il-qorti tista’ tordna t-taħrika ta’ xhieda u l-produzzjoni ta’ provi li jkun jidhrilha meħtiega, … … … Il-qorti tista’ tordna wkoll accessi, perkwizizzjonijiet, esperimenti, u kull hag’oħra li tinħtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox.*

*“Is-setgħa tal-partijiet li jikkontestaw dawn id-digrieti hija limitata. Fil-fatt din il-fakoltà tingħata taht l-art. 415 meta l-Qorti tal-Magistrati tkun Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, mhux Qorti Istruttorja, u, meta d-dikriet ma jkunx wiehed li jzomm il-kawza milli titmexxa ’l quddiem, biss flimkien ma’ appell mis-sentenza definittiva, jekk din tkun appellabbli. Ma jingħatax appell minn dikriet tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti Istruttorja.*

*“Dawn huma l-kazijiet fejn il-ligi tħalli li jkunu kontestati dikrieti kawtelatorji mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fi proceduri penali, u l-partijiet ma jistgħux joholqu proceduri godda – bhal ma hi dik tallum – biex jikkontestaw dikriet interlokutorju tal-Qorti tal-Magistrati f’każijiet barra dawk imsemmija mil-ligi.”*

“Illi fil-kaz in ezami, jidher mill-verbal tas-seduta tas-7 ta’ April 2008, ir-rikorrenti oppona ghall-hatra tal-perit nominat mill-Qorti u talab ukoll illi dan id-digriet jigi revokat *contrario imperio* u l-Qorti cahdet din it-talba. Ghalhekk jidher illi gjaladarba, ir-rikorrenti ma kellux dritt ta’ appell, jidher illi huwa ezawrixxa r-rimedji ordinarji illi kellu fil-kuntest ta’ dak li qed jinghad hawn u fid-dawl ta’ dak li gie deciz fis-sentenza **“George Xuereb vs l-Avukat Generali”** (P.A. (JRM) – 14 ta’ Novembru 2007).

“Illi dan ma jfissirx pero` illi l-proceduri odjerni kienu tempestivi in kwantu l-process kontra l-istess rikorrenti

ghadu ghaddej. (Il-Qorti ser taghmel kunsiderazzjonijiet iktar ‘l isfel anke fid-dawl ta’ gurisprudenza lokali dwar dan il-punt). Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija *et* qed tigi michuda, u l-Qorti tirrileva f’dan il-kuntest, li fil-verita’ din ma inghatat konsiderazzjoni ta’ xejn fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-istess, datata 9 ta’ Gunju 2009.

“Illi ghaldaqstant, il-Qorti ser tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha u ser tghaddi biex taghmel kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-ilment kostituzzjonali mressaq quddiemha.

“Illi l-artikoli invokati mill-imputat li talab li ssir din ir-riferenza kostituzzjonali kif inghad iktar ‘il fuq huma, l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** illi jipprovdi illi:-

*““Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi.”*

“Illi hemm ukoll l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali f’Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi illi:-

*““Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta’ l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f’socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f’cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista’ tippregudika l-interessi tal-gustizzja.”*

"Illi dawn iz-zewg artikoli gew diversi drabi trattati kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali proprju fil-kuntest ta' hatra ta' esperti li kienu ex-membri tal-Korp tal-Pulizija u fil-fatt inghataw serje ta' sentenzi proprju fuq dan il-punt – sentenzi li l-maggor parti taghhom gew citati mill-partijiet u li minnhom jista' jinghad li hargu s-segwenti principji:-
"Illi fis-sentenza "**Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. - 22 ta' Mejju 1991), il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-hatra tal-ufficjali tal-Pulizija bhala esperti tal-Qorti meta dawn kien ghadhom dipendenti fuq l-istess korp tikkostitwixxi ksur ta' smigh xieraq u qalet hekk:-

*""... ma hemmx dubju illi ufficjal tal-Pulizija huwa subaltern tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa l-parti kuntrarja fil-process kriminali, u li huwa direttament responsabbli ghat-tmexxija tal-prosekuzzjoni. Huwa veru illi bin-nomina taghhom il-persuni nominati ma jibqghux periti ex parte, la tal-prosekuzzjoni u l-anqas tad-difiza, imma jsiru esperti tal-Qorti. Pero` fid-dawl tal-principju – kull tant abbuzat – li l-gustizzja mhux biss ghandha ssir izda ghandha tidher illi qed issir – din il-Qorti jidhrilha illi mhux konducenti ghal smigh xieraq illi jigu nominati fil-proceduri Kriminali esperti li mhux biss ghandhom konnessjoni mill-qrib tal-prosekuzzjoni izda huma dipendenti taghha."*

"Illi fl-istess sentenza saret referenza ghall-**Bonisch Case** (Qorti Ewropeja – 6 ta' Mejju 1985) fejn Qorti Awstrijaka hatret espert illi kien ipprovoka huwa stess il-proceduri attwali kontra r-rikorrenti u ghalhekk il-Qorti qalet illi:-

*""Ghalkemm ic-cirkustanzi m'humiex identici u f'dak il-kaz il-pregudizzju seta' kien aktar markat, il-principju jibqa' l-istess. "However, the principle of equality of arms required there to be equal hearing as between the hearing of the Director (l-espert nominat mill-Qorti) and the hearing of persons called by the Defence. The Court considered that such equal treatment had not been afforded .... By reason of his appointment as "expert", by the Regional Court, the statements of the Director of the Institute must have carried greater weight than those of the expert witnesses called by the Defence, and yet the Director's*

*independence and impartiality were capable of appearing open to doubt. (Caselaw of the European Law of Human Rights – Vincent Berger 1989);"*

"Illi fis-sentenza **"Il-Pulizija (Spettur Antoine Cassar) vs Longinu Aquilina"** (Q.K. - 23 ta' Jannar 1992) li kienet tirrigwarda n-nomina ta' ufficjali tal-Pulizija bhala esperti tal-marki tas-swaba, gie stabbilit il-punt li jekk ufficjal tal-Korp tal-Pulizija ikun nominat bhala perit tekniku sabiex jistabbilixxi u jipprezerva biss l-aspetti materjali u fattwali oggettivi u ma jaghmel ebda ezercizzju valutattiv, dik in-nomina hija konformi mal-principji ta' smigh xieraq. Ghalhekk in kwantu ghall-impronti, il-Qorti stabbiliet illi dawn jistghu jittiehdu minn ufficjal tal-Pulizija sakemm dak l-operat jieqaf hemm u ma jsirx ezercizzju valutattiv ta' dawk l-impronti jew ta' paragun ma' impronti ohra u simili.

"Illi s-sentenza mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Mario Calleja) vs Carmel Camilleri et"** (Q.K. – 30 ta' April 1993) fejn kien sar ukoll ilment li l-espert inkarigat mill-Qorti kien impjegat statali f'korp dixxiplinat, haga li fil-fatt ma rrizultatx, izda jinghad li l-istess Qorti ma sabitx ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq ukoll peress li ma kinitx saret rikuza ghal tali nomina fl-istess procedura, liema rikuza kellha tintlaqa' jekk l-espert nominat jinstab li jkun membru tal-korp tal-pulizija tant li inghad li:-
*""... meta f'kawza kriminali l-perit tekniku nnominat ikun ufficjal tal-pulizija, u n-nuqqas li tigi akkolta dik ir-rekuza tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Meta pero` l-perit tekniku jillimita ruhu biss biex jistabbilixxi u jippreserva l-aspetti materjali u fattwali oggettivi u ma jaghmel ebda ezercizzju valutattiv ma jkun hemm xejn oggezzjonabbli f'dak li jirrigwarda smigh xieraq."*

"Illi fis-sentenza **"John Saliba vs Avukat Generali et"** (Q.K. - 6 ta' Lulju 1998), l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali filwaqt illi sabet ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq qalet illi l-esperti, bhala impjegati tal-pulizija, ma kinux jaghtu affidabilita` ta` indipendenza rikjesta mil-ligi u l-Qorti rat illi dawn l-esperti ma setghux jitqiesu bhala indipendenti u

lanqas imparzjali u n-nomina taghhom jilledi d-dritt ta' smigh xieraq.

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (P.A. (Sede Kostituzzjonali (T.M.) – 15 ta' Mejju 2003) fejn proprju wiehed mill-ilmenti kien li l-perizji kienu saru minn membri tal-pulizija cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazjoni ta' ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fuq din il-bazi u ghalhekk iddipartixxiet mill-linja sewgita fis-sentenza **"John Saliba vs Avukat Generali et".**

"Illi dan ghamlitu ghaliex hija hadet in konsiderazzjoni zewg principji illi skont l-istess Qorti ma kinux gew indirizzati fis-sentenza citata u dawn kienu l-irwol ta' supervizjoni tal-Qorti u l-principju tan-necessita`. F'din is-sentenza l-Qorti giet affaccjata b'ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq wara li fil-kors tal-proceduri kriminali kien hemm il-htiega ta' opinjoni esperta u ghal dan il-ghan tqabbdu membri tal-Korp tal-Pulizija li ressqu r-rapporti taghhom ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti. Bhal fil-kaz in ezami, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma attakkax il-kompetenza jew l-imparzjalita` tal-esperti mqabbda mill-Qorti Kriminali, izda strah biss fuq il-fatt illi dawk il-periti hekk mahtura kienu membri fil-Korp tal-Pulizija. Din il-Qorti tbieghdet mis-sentenza imsemmija iktar 'il fuq **"Saliba vs Avukat Generali"** u qablet mas-sentenza l-ohra iktar bikrija fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Camilleri et"** (Q.K. – 30 ta' April 1993) fejn kif gie osservat iktar 'il fuq il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet ukoll illi ma jistax jinghad li jkun hemm ksur ghad-dritt ta' smigh xieraq meta ma jirrizultax li l-perit imqabbad mill-Qorti kien b'xi mod parzjali. Interessanti l-osservazzjoni ta' din il-Qorti li ser tigi riprodotta hawn taht:-

*""... tajjeb li jigi osservat li kemm il-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-Kostituzzjoni trid li l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali, u ma tghid xejn dwar il-periti li l-qorti tista' tahtar biex jassistuha fl-istharrig taghha. Il-ligi trid li l-indipendenza tigi riflessa fil-Qorti, ghax id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti mhux f'idejn il-periti. Fi kliem iehor, ghalkemm il-Qorti solitu li ssegwi l-pariri li jaghtuha l-*

*esperti minnha mahtura, dawn jibqghu biss opinjonijijet, u d-decizjoni li taffettwa l-liberta` tal-akkuzat tehodha l-Qorti, u l-Qorti biss. Il-Qorti ghandha dmir tgharbel sew l-opinjonijiet tal-esperti maqbuda minnha imma tista' tinjora dawk l-opinjonijiet u ticcensurahom jekk ma jkunux qdew l-inkarigu lilhom moghti skont kif titlob il-ligi. Il-kelma finali hija f'idejn il-Qorti, u hija din li, skont il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni, trid tkun indipendenti u mparzjali."*

"Illi l-istess Qorti f'dik is-sentenza sostniet li jekk ma jintweriex li fil-fatt hemm vjolazzjoni vera u reali, ma jistax jitqies li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u dan il-Qorti qalitu wkoll fil-kuntest li r-rikorrenti ma qajjimx mill-ewwel l-oggezzjoni tieghu ghall-hatra ta' tali esperti. Illi pero' l-istess decizjoni inghatat ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjoni li kemm il-Konvenzjoni Ewropea u kemm il-Kostituzzjoni jridu li l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali, u ma tghid xejn dwar il-periti li l-Qorti tista' tahtar biex jassistuha fl-istharrig taghha, u dan ghaliex il-ligi trid li l-indipendenza tigi riflessa fil-Qorti, ghax id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti mhux f'idejn il-periti. *"Fi kliem iehor, ghalkemm il-Qorti solitu li ssegwi l-pariri li jaghtuha l-esperti minnha mahtura, dawn jibqghu biss opinjonijiet, u d-decizjoni li taffetwa l-liberta' tal-akkuzat tehodha l-Qorti, u l-Qorti biss. Il-Qorti ghandha dmir tgharbel sew l-opinjonijiet tal-esperti maqbuda minnha, imam tista' tinjora dawk l-opinjonijiet u ticcensurahom jekk ma jkunux qdew l-inkarigu lilhom moghti skont il-ligi. Il-kelma finali hija f'idejn il-Qorti, u hija din li, skont il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni, trid li tkun indipendenti u imparzjali".*

"Illi f'din is-sentenza, kif inghad iktar 'il fuq, semmiet id-duttrina ta' necessita` meta Qorti tkun kwazi kostretta tahtar esperti mill-Korp tal-Pulizija meta jkun hemm nuqqas ta' rizorsi umani f'dan is-settur. Illi ghalkemm f'dak il-kaz ma tressqux provi dwar jekk fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati kinitx kostretta tahtar ex-membru tal-Korp bhala espert minhabba nuqqas ta' rizorsi umani huwa interessanti li f'dan il-kuntest saret referenza ghas-sentenza fil-kaz **"L-E.T. Rev. Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca vs l-Onor. Prim Ministru et"** (Q.K.

– 22 ta' Ottubru 1984, fejn gie deciz li l-kaz kellu jinstema' mill-ahhar tlett gudikanti li kien fadal, u sostniet tali dottrina ta' necessita' giet applikata ghall-gudikanti *"dan iktar u iktar ghandu jghodd ghall periti meta fuqhom u in kontroll ikun hemm Qorti dipendenti u imparzjali".*

"Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs l-Avukat Generali"** (Q.K. 31 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li li dwar *"il-posizzjoni ta' esperti li jkunu membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, cjoe' jkunu ghadhom dipendenti direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija (mhux, per ezempju, jekk ikunu gew "seconded" ma' xi Dipartiment iehor tal-Gvern b'mod li ma jkunux aktar dipendenti direttamment mill-imsemmi Kummissarju, hi llum cara, u dan wara diversi sentenzi kemm ta' din il-Qorti (ara inter alia,* ***Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija,*** *22/5/1991 u* ***John Saliba v. Avukat Generali et*** *(6/7/1991) kif ukoll tal-Appell Kriminali (ara, inter alia,* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard u Angelo Attard,*** *(8/5/1998): dawn il-membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, anke jekk jigu nominati "esperti" fi proceduri gudizzjarji ta' natura penali, jistghu jiddeponu biss dwar ir-rizultanzi fattwali li jkunu rriskontraw – del resto bhalma jista' u ghandu jiddeponi kulhadd, inkluzi membri tal-imsemmi Korp – izda ma jistghux jesprimu opinjoni jew opinjonijiet li huma riservati ghall-esperti (hlief ghal dawk l-opinjonijiet li fil-gurisprudenza penali huma ammessi, eccezzjonalment, anke fil-kaz ta' xhieda mhux esperti…………………...Huwa ghalhekk li ma jistax ikun hemm oggezzjoni ghall-"espert" li sempliciment jeleva impronta digitali – l-elevazzjoni u l-preservazzjoni tat-tracci materjali tar-reat hija, wara kollox, parti mid-dover ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija. Differenti hija l-posizzjoni ta' espert li jqabbel l-impronti elevati ma' dawk, per ezempju tal-imputat – dan necessarjament jesprimi opinjoni bbazata fuq "hila jew sengha specjali".* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi gie sottolineat f'dak il-kaz li l-istess imputat ma oggezzjonax ghal tali nomina ta' esperti li kienu dak iz-zmien membri tal-Korp tal-Pulizija fl-ebda stadju tal-

proceduri, lanqas fi stadju ta' appell, mela allura dan ifisser li l-istess ma kienx qed jopponi ghal tali nomina, anke jekk din kienet tinkludi jew setghet tinkludi opinjoni. Aspett iehor li ezaminat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet li kontrarjament ghall-kaz **"John Saliba vs l-Avukat Generali"** fejn kollox kien jiddependi fuq ir-relazzjoni peritali dan il-kaz ma kienx hekk, izda fuq kollox l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet li:-

*""…anke li kieku ghall-grazzja tal-argument, sar ezami komparattiv bejn l-impronti elevati ma' dawk ta' l-imputati <u>minn membru tal-Korp tal-Pulizija</u> – mod li ghalhekk tkun saret irregolarita' fil-proceduri – jekk wiehed kellux "smigh xieraq" jew le jiddependi minn ezami tal-assjem tal-proceduri, nkluz dawk fl-appell li <u>sallum ghadhom pendenti</u> ……..Ghalhekk f'dan is-sens l-ilment ta' l-appellant Zarb li hu ma kellux "smigh xieraq' huwa wiehed intempestiv".*

"Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) ukoll trattat dan il-punt ta' perizji maghmula minn persuni li kienu membri tal-Korp u fil-fatt cahdet l-appell u kkonfermat l-ewwel sentenza fejn kienet giet respinta t-talba ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' smigh xieraq, u dan billi ghamlet l-istess konsiderazzjoni fuq is-sentenzi fuq citati fl-ismijiet ta' **"Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija"**, **"Saliba vs Avukat Generali et"** u **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard"** (Qorti Kriminali – 8 ta' Mejju 1998). Irreaffermat li l-posizzjoni hija llum cara u cioe` li <u>membri tal-Korp tal-Pulizija anke jekk nominati "esperti"</u> fi proceduri gudizzjarji ta' natura penali, jistghu jiddeponu biss dwar risultanzi fattwali li jkunu rriskontraw izda ma jistghux jesprimu opinjonijiet li huma riservati ghall-esperti ossia periti. Il-Qorti Kostituzzjonali regghet osservat illi:-

*""... ma jistax ikun hemm oggezzjoni ghall-"espert" li semplicement jeleva impronta digitali – l-elevazzjoni u l-preservazzjoni tat-tracci materjali tar-reat hija, wara kollox, parti mid-dover ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija. Differenti hija l-posizzjoni tal-espert li jqabbel l-impronti*

*elevati ma' dawk, per ezempju, tal-imputat – dan necessarjament jesprimi opinjoni bbazata fuq "hila jew sengha specjali".*

"Illi hawn ukoll l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet illi fil-fatt ma kienx hemm nuqqas ta' smigh xieraq u dan peress illi l-proceduri kontra l-istess rikorrenti kienu ghadhom ghaddejjin u kienu fl-istadju tal-appell u qalet illi:-

*""... anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument, sar ezami komparattiv bejn impronti elevati ma' dawk ta' l-imputati minn membru tal-Korp tal-Pulizija – b'mod li ghalhekk tkun saret irregolarita` fil-proceduri – jekk wiehed kellux "smigh xieraq" – jew le jiddependi minn ezami tal-assjem tal-proceduri, inkluz dawk fl-appell li sal-lum ghadhom pendenti .... Ghalhekk f'dan is-sens l-ilment ta' l-appellant Spiteri li hu ma kellux "smigh xieraq" huwa wkoll intempestiv."*

"Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **"Nazzareno Zarb vs Malta"** (App. No. 1163/04 – li fihom L-Onorevoli Imhallef Dr. Giovanni Bonello kien wiehed mill-Imhallfin – ECHR 27 ta' Settembru 2005) li kien jitratta wkoll proprju l-kaz fuq imsemmi u l-punt kien fuq in-nomina ta' esperti li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija, u l-istess Qorti Ewropea sostniet li r-rikorrent ma kienx ezawrixxa r-rimedji li kellu, izda anke kieku dan kien ghamlu xorta jibqa' l-ostakolu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirreferi ghar-rekwiziti ta' *"impartiality and independence enshrined in Article 6 of the Convention only refer to the "tribunal" called upon to determine the criminal charges against the accused and do not apply to the prosecuting authorities (see Forcellini v. San Marino (Dec. No. 34657/97, 28 May 2002, Priebke v. Italy (Dec. No. 48799, 5 April 2001 and De Lorenzo v. Italy (Dec. No. 69264/01, 12 February 2004) or to experts".* L-istess Qorti sostniet li l-posizzjoni ta' esperti tista' tkun relevanti fir-rigward tal-principju ta' *"equality of arms",* tant li dak li jinghad mill-esperti tal-Qorti jista' jkollu piz ikbar minn dawk ta' esperti tad-difiza, u fil-kaz in ezami kien hemm provi ohra, u l-

ezami li sar minn esperti li kienu membri tal-Pulizija kienu biss dawk ta' *"elimentary examination", of the fingerprints, which did not constitute evidence against the applicant. <u>When the fingerprints of the latter had to be compared with those found on the scenes of the crimes, the domestic court appointed an expert who was not a member of the police".</u>*

"Illi applikati dawn il-principji kollha ghall-kaz in ezami jinghad l-ewwel nett illi fil-fatt jidher illi l-perit tekniku imqabbad mill-Qorti fil-mument li saret in-nomina tieghu ma kienx fil-fatt membru tal-Korp tal-Pulizija, u dan huwa pacifiku bejn il-partijiet, tant li l-oggezzjoni li qajjem l-imputat kien li l-istess espert huwa ex-membru tal-Korp tal-Pulizija. Ghal din ir-raguni din il-Qorti thoss li l-ilment tal-istess rikorrenti ma jistax jigi accettat, u dan peress li l-gurisprudenza kollha riferita tirreferi biss ghall-kazijiet fejn l-espert in materjal kien effettivament u attwalment membru tal-Korp tal-Pulizija jew f'dak il-mument dipendenti fuq l-istess. Dan ma huwiex il-kaz odjern, u fil-fatt dan lanqas biss huwa kontestat, u apparti minn hekk lanqas saret xi lanjanza li l-istess espert nominat huwa b'xi mod mhux idoneu, kapaci, jew altrimenti b'xi mod pregudikat jew kompromess. Ghalhekk fuq din il-bazi l-ilment tal-imputat George Xuereb, fil-kuntest kif maghmul fl-istess riferenza qed jigi michud.

"Illi ma' dan jinghad ukoll li il-fatt li l-istess espert forensiku li nominat kemm sabiex jeleva l-impronti tar-rikorrenti u kif ukoll jaghmel ezami ta' komparazzjoni tal-istess impronti, f'dan il-kaz ma jaghmel l-ebda differenza ghaliex l-istess persuna nominata ma hijiex membru tal-Korp, u certament li ma hijiex fil-kontroll tieghu u lanqas biss saret din l-allegazzjoni.

"Illi fit-tieni lok, anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. –

31 ta’ Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f’dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta’ supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom.

“Illi f’dan il-kuntest, din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tezamina jekk kienx hemm ksur ghas-smigh xieraq jew le f’dan l-istadju meta jidher li l-proceduri ghadhom fil-fatt pendenti jistennew l-ezitu ta’ dawn il-proceduri. Fil-fatt fil-kaz in ezami, bhal fil-kaz ta’ **“Melchior Spiteri vs Avukat Generali”** (Q.K. – 31 ta’ Ottubru 2003), il-proceduri kontra r-rikorrenti ghadhom pendenti u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi l-gudizzju fuq ir-rikorrent huwa wiehed konklussiv u finali. Proprju ghal din ir-raguni, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi kien hemm ksur tas-smigh xieraq meta l-proceduri kontra l-istess rikorrenti ghadhom pendenti u mhux finali.

“Illi ghalhekk fid-dawl tal-istess u ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad it-talba tal-imputat George Xuereb kontenuta fir-riferenza kostituzzjonali datata 7 ta’ April 2008 mertu ta’ dawn il-proceduri.

**“III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali datata 19 ta’ Mejju 2008 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talba ta’ indoli kostituzzjonali imressqa mill-imputat George Xuereb f’din ir-referenza kostituzzjonali datata 7 ta’ April 2008** u dan peress li l-istess hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma hemmx ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq skont **Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u permezz tal-

**Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.**

“Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-imputat George Xuereb li ppropona l-istess referenza kostituzzjonali.

“Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur tal-Qorti Civili, lill-Qorti Kriminali.”

<u>**L-Appell ta’ George Xuereb**</u>

2.1 L-imsemmi George Xuereb hassu aggravat bis-sentenza surreferita moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk interpona appell minnha, ghal fini ta’ revoka, billi talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka ghal kollox l-imsemmija sentenza:

“…fis-sens illi thassarha fejn cahdet it-talba ta’ indoli kostituzzjonali mressqa mill-appellant George Xuereb fir-referenza Kostituzzjonali datata 7 ta’ April 2008 u minflok takkolji l-istess talba tal-appellant billi tiddikjara li n-nomina ta’ Joseph Mallia bhala espert tal-Qorti ghal finijiet ta’ komparazzjoni tal-impronti digitali tikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq *ai termini* tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement taghti u tordna kull provvediment iehor li jkun jidhrilha hekk xieraq u opportun.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Pulizija Ezekuttiva u l-Avukat Generali.”

2.2 L-aggravji tal-appellant jistghu in succint jingabru fis-segwenti punti:

(i) li s-sentenza tmur kontra l-principju maghruf bhala *‘nemo iudex in causa propria’*, kif “miftiehem f’sens aktar wiesa’”. Hawn ghandna kaz “fejn il-persuna li elevat l-impronti digitali fuq is-sit tad-delitt sejra tkun l-istess persuna li ser taghmel anzi ghamlet l-ezami komparattiv mal-impronti digitali tal-persuna imputata lill-istess reat…”.

(ii) Kemm il-Qorti Istruttorja u kemm ukoll l-istess Avukat Generali ma xtaqux tali nomina u ppruvaw isibu lil espert/i ohrajn. Ghalhekk m'huwiex skuzabbli li jitwarrab dan id-dritt fuq is-semplici pretest li ma nstabitx persuna estranea u maqtugha mill-Korp tal-Pulizija biex taghmel l-ezami komparattiv. Hawn *si tratta* ta' dritt fundamentali u kostituzzjonali li ghandu jipprevali fuq kollox.

L-appellant jirreferi mbaghad kemm ghan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti tal-4 ta' Awwissu 2009 u decizjonijiet lokali dwar il-punti in kwistjoni.

(iii) L-espert gudizzjarju ghandu jkun persuna "indipendenti u imparzjali". Fit-tieni lok, billi l-hatra hija relatata ma' perizja ta' natura teknika, l-espert "ikollu rwol sostanzjali jekk mhux addirittura deciziv fuq il-materja in kwistjoni." Fit-tielet lok, il-gustizzja mhux biss trid issir izda trid ukoll tidher li qeghdha ssir. Kien ghalhekk li l-Qrati taghna ddecidew li "tali rapporti peritali ma kellhomx valur probatorju".

(iv) Ghalkemm ir-relazzjoni peritali hi biss opinjoni imma billi hawn hija wahda ta' natura teknika, allura difficilment wiehed jara kif il-Qorti – li ma tkunx esperta fil-materja – sejra tiskartaha. Hemm ukoll il-fatt li f'guri ghandek il-gurati biex jiddeciedu dwar il-fatti.

(v) Fil-kaz in ezami, ir-rapport peritali ser ikun l-unika prova illi tezisti fil-konfront tal-appellant ghax ma jirrizultax li hemm prova ohra "li b'xi mod torbot lill-appellant mal-kaz".

Kien proprju ghalhekk "li ghal darba tnejn", l-appellant oggezzjona kontra tali nomina, anzi talab ir-revoka tad-digriet tan-nomina.

Is-sentenzi li ghalihom saret riferenza jammettu u jaccettaw biss ezercizzju li jkun limitat biss ghall-elevazzjoni tal-impronti f'kaz li l-espert ikun membru jew ex-membru tal-Pulizija u mhux ukoll ghal fini li jesprimi xi opinjoni jew jaghmel ezami komparattiv tal-impronti.

Hemm provi li juru li kemm meta sar l-allegat reat kif ukoll meta gew elevati l-impronti, l-espert Joseph Mallia kien ghadu membru tal-Korp tal-Pulizija. L-impronti *de quo* gew elevati "minn fuq il-post tal-incident minn membru tal-korp tal-pulizija jekk mhux addirittura mill-istess espert tal-Qorti". Dan kollu jirrendi lill-imsemmi espert bhala persuna li la hija newtrali u lanqas imparzjali u dan proprju ghaliex "huwa dejjem hadem ghal jew mal-pulizija ezekuttiva fi processi ta' din ix-xorta."

**<u>Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali</u>**

3.1 L-appellati wiegbu li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma billi l-lanjanzi lanqas huma fondati.

L-interpretazzjoni korretta tad-decizjonijiet in materja jeskludu dawk l-esperti li jkunu ghadhom attwalment jiffurmaw parti mill-prosekuzzjoni, fil-kaz in ezami l-Korp tal-Pulizija.
Il-fatt li sar tentattiv biex possibilment jitqabbad xi espert iehor u mhux dak li jissemma' mill-appellant ikompli juri kemm il-prosekuzzjoni u l-Qorti riedet tassigura process bi smiegh xieraq u ma jistax jittiehed bhala xi ammissjoni li sar bil-maqlub.

Ma hemm ebda sentenza li teskludi ex-membru tal-Korp tal-Pulizija milli jitqabbad bhala espert, anki ghal fini ta' ezami komparattiv.

Finalment, id-decizjoni tispetta lill-Qorti, u din lanqas ma hija marbuta li bilfors tistrieh fuq l-opinjoni li jkun ta l-espert. Diversi drabi gara li l-qrati ma qaghdux fuq rapporti li kienu ta' natura teknika. Isegwi li l-opinjoni tal-espert m'hijiex wahda finali.

Hija l-prassi li l-impronti jingabru minn membru tal-Korp tal-Pulizija. Fil-kaz in ezami l-espert illum huwa ex-membru. Hu immaterjali kemm provi hemm kontra l-akkuzat u jekk l-evidenza dwar l-impronti hijiex l-unika wahda jew le. L-importanti huwa li llum l-espert m'ghadux

fil-Korp. Lanqas hemm xi prova li l-elevazzjoni tal-impronti saret mill-espert li gie nominat mill-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

4. Bhala sfond fil-qosor tal-fatti, jista’ jinghad li l-appellant gie mixli b’offizi ta’ natura kriminali fil-Qorti tal-Magistrati. Fl-istadju tal-Istruttorja quddiem il-Qorti nhatar bhala espert tekniku certu Joseph Mallia, li jirrizulta li in precedenza kien membru fil-Korp tal-Pulizija, li qeghdha tmexxi l-prosekuzzjoni kontra l-appellant u lill-espert tekniku nghatalu l-inkarigu sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat (l-odjern appellant) kif ukoll li jaghmel ezami komparattiv ta’ dawn l-impronti digitali u jipprezenta relazzjoni dwar dak li jkun irrizultalu. Ghal kompletezza tal-fatti, ghandu wkoll jinghad illi originarjament kien gie nominat espert iehor ghall-istess fini, jigifieri certu George Penn (ara verbal quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja a fol. 23 tal-process), liema espert pero` ddikjara li huwa kien irtira minn dan ix-xoghol u, konsegwentement gie ezonerat mill-inkarigu sakemm minfloku tqabbad Joseph Mallia. Huwa inoltre pacifiku li fil-passat dan Joseph Mallia kien tassew membru fil-Korp tal-Pulizija u li l-probabbilta` hija wkoll li fil-mument meta kienu gew originarjament elevati l-impronti digitali in konnessjoni mar-reat li gie mixli bih l-appellant George Xuereb, Mallia kien iservi fil-Korp tal-Pulizija u kien addett mal-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija.

Fil-kors tat-trattazzjoni, dejjem hawn riferibbilment ghall-fatti, l-avukat difensur tal-appellant ried jaghti lil din il-Qorti x’tifhem li hemm provi li juru li l-impronti digitali in konnessjoni mar-reat gew elevati wkoll minn Joseph Mallia. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti <u>ma jirrizultalhiex</u> li hemm ic-certezza li l-impronti digitali kienu gew elevati proprju minn Joseph Mallia meta dan kien membru fil-Korp tal-Pulizija.

Jigi nnutat inoltre li l-istess avukat difensur tal-imputat lanqas kien daqshekk kategoriku dwar dan il-punt meta deher ghall-imputat kemm fl-istadju tal-Istruttorja u aktar tard meta deher quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Di

fatti, meta Dottor Raphael Fenech Adami ressaq oggezzjoni formali waqt l-Istruttorja ghall-hatra ta' Mallia bhala espert, gie registrat *inter alia* kif gej (ara fol. 26 tal-process, seduta tal-15 ta' Marzu 2007):

"Dr. R. Fenech Adami ghall-imputat jiddikjara illi qed joggezzjona ghan-nomina ta' Joseph Mallia peress illi dan kien mal-Korp tal-Pulizija. Inoltre jiddikjara illi l-provi kollha li qed jingabru quddiem din il-Qorti wara l-ghoti tas-sentenza Kostituzzjonali (sic) huma kollha illegali u kwindi inammessibbli bhala prova. Il-Qorti f'dan l-istadju qeghdha tichad l-oggezzjoni u tappunta lil imsemmi Joseph Mallia bhala espert taghha sabiex l-impronti digitali tal-imputat (sic) u dawk esebiti in Atti.

"Tawtorizzah minn issa stess li jirtira dawn l-impronti."

(Enfasi mizjud ta' din il-Qorti)

Mill-verbal tal-Istruttorja waqt is-seduta li nzammet fis-7 ta' April 2008, imbaghad, (ara fol. 61 u 62 tal-process) jirrizulta li minkejja l-oggezzjonijiet tad-difensur tal-imputat, li gew michuda, l-espert Joseph Mallia xehed li huwa kien qed jesebixxi zewg folji kontenenti impronti digitali u dik il-Qorti nnominatu sabiex jaghmel "il-komparazzjonijiet relattivi."

Dwar tali inkarigu, Dottor Fenech Adami rega' oggezzjona (ara verbal a fol. 62 tal-process);

"…peress illi l-espert forensiku kien membru tal-Korp tal-Pulizija huwa ma jistax jaghmel ezami ta' komparazzjoni kif ritenut minn diversi sentenzi kostituzzjonali."

Ghal darba ohra jigi hawn osservat illi d-difiza ma ddikjaratx li kien Joseph Mallia li kien eleva l-impronti digitali konnessi mal-allegat reat.

5. Ghalhekk, u issa nigu ghall-aspett ta' dritt, dak li ghandha tiddeciedi dwaru din il-Qorti huwa dwar jekk in-nomina ta' Joseph Mallia bl-inkarigu li jiehu l-impronti digitali tal-imputat biex jaghmel ezami ta' komparazzjoni

ta’ dawn l-impronti digitali mal-“lifters” li kienu ttiehdu fix-xena tar-reat kienitx tikser id-dritt fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq kif hemm provdut fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu l-imsemmi espert kien fl-imghoddi membru fil-Korp tal-Pulizija li qeghda tikkonduci l-prosekuzzjoni kriminali tal-kaz surreferit kontra tieghu.

6. B’riferenza ghad-dritt tieghu fundamentali, l-appellant invoka l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni, u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

L-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

“Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'ligi.”

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, illum inkorporata bhala parti mil-ligi taghha – L-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tipprovdi li;

“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'ligi…”

7. Il-kweziti in dibattitu huma dawn: bil-fatt li l-espert tekniku kien membru tal-Korp tal-Pulizija qabel ma gie moghti l-inkarigu biex jiehu u jikkompara l-impronti digitali tal-imputat Xuereb, dan ikun jammonta ghal ksur ta’ xi wiehed, jew tat-tnejn li huma, taz-zewg artikoli sucitati? Jista’ ex-membru tal-Pulizija jigi nominat mill-Qorti bhala espert tekniku, anki meta jirrizulta li meta jkun gie kommess l-allegat reat u gew elevati impronti mix-xena tar-reat, dan l-espert kien ghadu jifforma parti mill-istess Korp?

8. Minn qari tas-sentenza appellata, ghandu jirrizulta illi li l-ewwel Qorti, qabel ma ghaddiet biex tichad dak li talab l-appellant Xuereb, ghaddiet in rassenja bl-aktar mod

dettaljat u approfondit id-diversi decizjonijiet ta' indole Kostituzzjonali u Konvenzjonali li nghataw minn qrati lokali dwar l-istess materja.

Il-punti ta' principju li jemergu minn dawn id-diversi sentenzi huma dawn:
(i) Illi mhux konducenti ghal smiegh xieraq li jigu nominati, fil-proceduri kriminali, esperti li mhux biss ghandhom konnessjoni mill-qrib tal-prosekuzzjoni izda huma dipendenti taghha.

(**Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija** Qorti Kostituzzjonali, fit-22 ta' Mejju 1991)

(ii) Illi n-nomina ta' ufficjal tal-Pulizija bhala espert tal-marki tas-swaba hija konformi mal-principji ta' smiegh xieraq u kwindi jistghu jittiehdu u jigu elevati tali impronti digitali. Dan hu sabiex jigi stabbilit u ppriservat biss dawk l-aspetti materjali u fattwali oggettivi – bla ma jsir pero` ebda ezercizzju komparattiv fuqhom.

(**Il-Pulizija v. Longinu Aquilina** Qorti Kostituzzjonali, fit-23 ta' Jannar 1992).

(iii) Illi meta f'kawza kriminali l-perit tekniku nominat ikun ufficjal tal-pulizija, in-nuqqas li tigi akkolta dik ir-rikuza (mill-Qorti) tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Meta l-perit tekniku jillimita ruhu biss biex jistabbilixxi u jippriserva l-aspetti materjali u fattwali oggettivi u ma jaghmel ebda ezercizzju valutattiv ma jkun hemm xejn oggezzjonabbli f'dak li jirrigwarda smiegh xieraq.

(**Il-Pulizija Spettur Mario Calleja v. Carmel Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, fit-30 ta' April 1993)

(iv) Esperti teknici li jkunu impjegati tal-pulizija ma jaghtux affidabilita` ta' indipendenza rikjesta mil-ligi billi ma setghux jitqiesu bhala indipendenti jew imparzjali u n-nomina taghhom jilledi d-dritt ta' smiegh xieraq.

(**John Saliba v. Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, fis-6 ta' Lulju 1998)

(v) Illi kemm il-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll il-Kostituzzjoni trid li l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali, u ma tghid xejn dwar il-periti li l-Qorti tista' tahtar biex jassistiha. Id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti u mhux f'idejn il-periti.

Il-fatt biss li espert hu membru tal-Korp tal-Pulizija, minnu nnifsu ma jiggustifikax il-biza' li hu mhux ser ikun newtrali. Din il-biza' trid tkun gustifikata oggettivament.

(**Nazzareno sive Reno Zarb v. Avukat Generali** Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fil-15 ta' Mejju 2003)

F'din id-decizjoni, dik il-Qorti qieset ukoll zewg aspetti addizzjonali li ma gewx mistharrga fis-sentenza **Saliba v. Avukat Generali**, jigifieri r-rwol ta' supervizjoni min-naha tal-Qorti u l-principju tan-necessita meta jkun hemm nuqqas ta' rizorsi umani f'dak is-settur.

(vi) Illi l-posizzjoni ta' espert li jkun membru effettiv tal-Korp tal-Pulizija, cioe` jkun ghadu dipendenti direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux per ezempju, jekk ikun gie *seconded* ma' xi Dipartiment iehor tal-Gvern b'mod li ma jkunx aktar dipendenti direttament mill-imsemmi Kummissarju, hi illum cara, u dan wara diversi pronunzjamenti kemm ta' din il-Qorti (ara *inter alia* **N. Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija,** fit-22 ta' Mejju 1991; **J. Saliba v. Avukat Generali**, fis-6 ta' Lulju 1991), kif ukoll tal-Appell Kriminali (**Repubblika ta' Malta v. J. Attard u Angelo Attard** fit-8 ta' Mejju 1998).

Dawn il-membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, anke jekk jigu nominati "esperti" fi proceduri gudizzjarji ta' natura penali, jistghu jiddeponu biss dwar ir-rizultanzi fattwali li jkunu rriskontraw – *del resto* bhalma jista' u ghandu jiddeponi kulhadd, inkluzi membri tal-imsemmi Korp, izda ma jistghux jesprimu opinjoni jew opinjonijiet li huma rizervati

ghall-esperti…Huwa ghalhekk li ma jistax ikun hemm oggezzjoni ghall-espert li semplicement jeleva impronti digitali – l-elevazzjoni u l-preservazzjoni tat-tracci materjali tar-reat hija, wara kollox, parti mid-dover ta’ kull membru tal-korp tal-Pulizija. Differenti hija l-posizzjoni ta’ espert li jqabbel l-impronti elevati ma’ dawk, per ezempju, tal-imputat – dan necessarjament jesprimi opinjoni bbazata fuq ‘hila jew sengha specjali’.

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li gie ritenut fis-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, kif dakinhar komposta, in re: **N. Zarb v. Avukat Generali** tal-31 ta’ Ottubru 2003. L-appellant odjern irid iwessa’ l-eskluzjoni senjalata f’kaz ta’ espert mahtur biex jaghmel <u>ezami komparattiv</u> tal-impronti digitali anke ghal dawk li kienu xi darba membri fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti pero` ma tikkondividix tali sottomissjoni.

9. Minn ezami tal-fatti tal-kaz in ezami jirrizulta li l-espert Joseph Mallia, nominat mill-Qorti tal-Magistrati ghal fini ta’ ezami komparattiv tal-impronti digitali, u dan ukoll wara li ha l-impronti digitali tal-akkuzat quddiem il-Qorti, <u>ma kienx baqa u kwindi m’huwiex</u> aktar membru fil-korp tal-Pulizija. Bil-fatt imbaghad li seta’ kien li fil-mument li gew originarjament elevati u ppreservati l-impronti digitali in konnessjoni mal-allegata kommissjoni tar-reat, l-espert Joseph Mallia kien ghadu effettivament membru tal-istess Korp, dan ma jwassalx ghal xi lezjoni ta’ natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif qed jigi argumentat mill-appellant. Dan l-argument kien iregi u kien ikun validu biss fil-kaz li Joseph Mallia kien ghadu sa dak il-mument li nhatar ghal fini ta’ ezami komparattiv membru fil-Korp. L-appellant isostni li l-element ta’ indipendenza u imparzjalita` ta’ espert ghandu jkun ukoll prezenti minn *punto di vista* anki ta’ mera percezzjoni, izda din il-Qorti jidhrilha li bil-fatt wahdu li l-espert fl-imghoddi kien fil-Korp tal-Pulizija m’ghandux ifisser jew isegwi li allura huwa ghandu xi forma ta’ inibizzjoni jew interdizzjoni perpetwa milli qatt iservi *qua* espert tekniku fi proceduri bhal dawn. Wara kollox, kull opinjoni hekk moghtija, fuq haga teknika jew m’hijiex, hija dejjem soggetta ghall-iskrutinju u kontroll

tad-difiza, oltre li l-ahhar kelma, jew ahjar gudizzju li jorbot, jispetta lill-gudikant u mhux lill-espert. Ma hemm xejn milli jzomm lid-difiza (fil-procedura kriminali), jekk ghandha provi jew ragunijiet tajbin b'dan is-sens, illi tattakka l-validita` jew l-attendibilta` ta' kull opinjoni li tkun giet espressa jew moghtija mill-espert. Imma dan mhux a bazi tal-fatt li darba l-espert kien membru tal-Korp tal-Pulizija, ghaliex kif tajjeb gie rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata,

"…ghaliex l-istess persuna nominata ma hijiex membru tal-Korp, u certament li m'hijiex fil-kontroll tieghu (i.e. tal-Kummissarju) u lanqas biss saret din l-allegazzjoni."

Anzi, jista' jinghad li fil-mument li gie nominat l-espert Mallia ghall-fini indikat, huwa kien taht il-kontroll u jirrispondi biss ghall-Qorti u ghal hadd izjed.

Ghal dawn il-motivi suesposti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji kollha tal-appellant huma infondati u qeghdin ghalhekk jigu respinti.

## **Decide**

Ghaldaqstant hija tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' George Xuereb in konnessjoni mar-referenza kostituzzjonali datata 7 ta' April 2008 ghar-ragunijiet fuq esposti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Fl-ahharnett tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi mghoddija mir-Registratur lill-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------